MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 540/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**David Zammit Gauci**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Zammit Gauci ta’ 44 sena, bin John u Myra nee’ Lapira, mwieled Sliema fis-7 ta’ Lulju 1964, residenti gewwa numru 79, Triq Windsor Terrace, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 336264(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-2 ta’ Gunju 2009, ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofs inhar, f’dawn il-gzejjer, u cioe’ gewwa l-fond numru 79, Triq Windsor Terrace, Sliema, bil-hsieb li jikkommetti omicidju volontarju fuq il-persuna ta’ Michael Zammit

Gauci, anzjan ta' 67 sena, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema omicidju ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

Kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar it-13 ta' Gunju 2008.

L-Onorabbli Qorti kienet gentilment mitluba li minbarra l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lil David Zammit Gauci sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti kif pprovdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li l-imputat jinstab hati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' ta' Lulju 2010 (inserita a fol. 136 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htiijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 17, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Lulju 2010, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat ir-rapport tal-espert psikjatriku Dr. Joseph Spiteri inserit a fol. 46 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-2 ta’ Gunju 2009 ghall-habta tas-1.00pm fil-fond 79, Windsor Terrace, Tas-Sliema fejn Michael Zammit Gauci, ragel anzjan ta’ 67, safa’ attakat fizikament min-neputi tieghu David Zammit Gauci, u cioe’ l-imputat fil-kawza odjerna, waqt li huwa kien qed jistrieh wara nofsinhar. Il-vittma Michael Zammti Gauci xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2009 fejn huwa wara li spjega li l-imputat kien ilu jghix mieghu sentejn u nofs fl-imsemmi fond u li kien in-neputi tieghu qal li huwa kien rieqed fis-sodda tieghu meta dahal l-imputat li wara li ghattielu wiccu b’lizar, gibdu mis-sodda ghal mal-art u tah daqtejn man-naha tal-lemin ta’ wiccu kollu u mbaghad kompla jaghtih id-daqqiet. Ix-xhud indika li ma ra xejn f’id l-imputat waqt li huwa kien qed jaghtih id-daqqiet. Il-vittma qal li meta l-imputat agredih huwa beda’ jitolbu sabiex jghinu u talbu jcempel lil missieru u spjega li fl-ahhar l-imputat fil-fatt cempel lil missieru John Zammit Gauci u meta gie dan tal-ahhar li ghandu cavetta tal-fond in kwistjoni huwa cempel l-ambulanza. Michael Zammit Gauci jghid li huwa dam rikoverat l-Isptar hamest ijiem.  Dan ix-xhud qal ukoll li l-incident kollu dam biss ftit sekondi u huwa hass hafna ugiegh meta beda’ jaqla’ d-daqqiet tal-ponn. Huwa qal ukoll li l-imputat waqaf jaghtih id-daqqiet minn jeddu u li huwa baqa’ mal-art bid-demm ma wiccu sakemm gie missier l-imputat u imbaghad l-ambulanza. Michael Zammit Gauci qal ukoll li waqt li huwa kien mal-art qed jistenna li jigi huh sema’ lill-imputat idur u jistaqsi lliu nnifsu ‘il ghala kien ghamel dak li ghamel. Michael Zammit Gauci qal li huwa kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li ghamillu. Michael Zammit Gauci rega’ xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta’ Ottubru 2010 fejn rega’ rribadixxa li kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li gara u qal li ma kien qed isofri minn ebda konsegwenzi la fizici u l-anqas psikologici bhala konsegwenza tal-agressjoni in dizamina.

L-imputat irrilaxxja stqarrija[1] fejn huwa ammetta li kien hu li agredixxa liz-ziju tieghu Michael Zammit Gauci waqt li

[1] Inserita a fol. 18 sa 20 tal-atti processwali.

dan tal-ahhar kien rieqed u qal lil Pulizija li apparti d-daqqiet ta' ponn huwa kien ta' daqqiet lil zijuh b'martell u li huwa kien waqaf jaghth bil-martell ghaliex l-istess martell kien inkiser u huwa ghalhekk kompla jaghti lil vittma bil-ponn. L-imputat qal lil Pulizija li huwa waqaf jaghti lill-vittma wara li gie f'tieghu u spjega li meta kien qed isawwat lil zijuh ma kienx qed jara. L-imputat ammetta wkoll li huwa kien heba' l-martell u xi oggetti mcapsin bid-demm fil-gnien qabel ma cempel lil missieru sabiex jigi fuq il-post sabiex il-vittma jinghata l-ghajnuna. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Micallef li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta Gunju 2009 jirrizulta li kien l-istess imputat li indika lil Pulizija l-post fejn huwa kien heba' l-martell u l-oggetti mcapsin bid-demm. Mill-istess xhieda rrizulta wkoll li meta gie mitkellem mill-Pulizija l-imputat kien pjuttost agitat u konfuz u li huwa beda' jibki u jistaqsi lilu nnifsu 'il ghala kien agixxa b'dak il-mod. L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma wkoll li l-imputat qallu f'aktar minn okkazzjoni wahda li ried jiehu ruhu b'idejh.

Mic-certifikat mediku inserit a fol. 21 tal-atti processwali jirrizulta li l-vittma Michael Zammit Gauci sofra griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza tal-agressjoni. L-espert mediku Dr. Mario Scerri[2] kkonkluda s-segwenti:-

1. Illi Michael Zammit Gauci ddahhal l-isptar Mater Dei orjentat ghall-lok, hin u persuna b'diversi lezjonijiet fuq il-wicc;
2. Illi dawn il-lezjonijiet kienu kompatibbli ma' *blunt trauma*;
3. Illi ftit mill-lacerazzjonijiet fuq il-wicc jistghu jibqa' bhala marka permanenti fuq il-wicc;
4. Illi l-fratturi deskritti huma ta' natura gravi *per durata*;
5. Illi l-kondizzjoni ta' **Michael Zammit Gauci** meta dan iddahhal l-isptar Mater Dei kienet wahda gravi;
6. Illi l-kondizzjoni tieghu baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment dan gie licenzjat mill-isptar Mater Dei;
7. Illi meta ezamina lil **David Zammit Gauci** l-esponent sabu orjentat ghall-lok, hin u persuna;

[2] Rapport relattiv inserit a fol. 85 tal-atti processwali.

8. Illi **Zammit Gauci** xehed illi kien ilu madwar tmien xhur ibati mid-*depression* u qieghed fuq is-*Cipralex* u *Nortrilen*;
9. Illi **Zammit Gauci** ammetta illi hu kien ta xi daqqiet fuq ras zijuh b'martell minghajr l-ebda provokazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'zewg imputazzjonijiet. Permezz tal-ewwel imputazzjoni huwa jinsab addeitat bl-imputazzjoni ta' attentat ta' omicidju. Waqt it-trattazzjoni finali d-Difiza ssottomettiet li din il-Qorti ma tistghax tiddeciedi dwar din l-imputazzjoni stante li trattandosi ta' attentat ta omicidju fejn il-piena applikabbli hija aktar minn ghaxar snin tesorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-Qorti tirrileva li l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu tal-20 ta' Lulju 2010 indika l-Artikolu 41(1)(b) u mhux l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

**41.** (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -

(*b*) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.

Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-imputat David Zammit Gauci agredixxa lil zijuh Michael Zammit Gauci waqt li dan tal-ahhar kien rieqed fis-sodda u tah daqqiet ta' martell u mbaghad kompla jaghtih bil-ponn. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-istess vittma izda wkoll mill-istqarrija tal-imputat li kkonferma wkoll li huwa waqaf jaghtih bil-martell ghaliex l-istess martell inkiser. Mill-provi izda rrizulta wkoll li kien l-istess imputat li malli rrealizza x'kien qed jaghmel waqaf u ghalhekk huwa ghandu jitqies li ddezista volontarjament milli jkompli jagredixxi lill-vittma

u fil-fatt kien huwa stess li cempel ghall-ghajnuna. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-aggressjoni maghmula mill-imputat fuq il-vittma kienet tammonta ghal-attentat ta' qtil liema attentat waqaf ghaliex l-istess imputat ghazel li jiddesisti volontarjament milli jkompi jikkonsma d-delitt. Kif gie specifikat aktar 'il fuq l-Artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali jindika li f'dawn il-kazijiet fejn l-imputat jieqaf minn rajh milli jkompli jikkonsma d-delitt meta jinstab hati huwa ghandu jehel il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Fil-kaz in dizamina rrizulta li l-imputat fil-fatt lahaq ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-vittma u dan jirrizulta mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri u mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Josef Zahra. Mill-istess rapport tal-espert mediku jirrizulta li l-griehi sofferti mill-vittma kienu gravi per durata u li ghalhekk ghandhom japplikaw l-Artikoli 218(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali fejn il-piena hija minn disa' xhur sa disa' snin. Jirrizulta ghalhekk li tali imputazzjoni ma tesorbitax il-kompetenza ta' din il-Qorti u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-istess imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li giet esebita s-sentenza relattiva li tinsab inserita a fol. 131 u 132 tal-atti processwali fejn gew indikati l-konnotati tal-imputat liema konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza inghatat fil-konfronti tal-imputat David Zammit Gauci.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati izda kkunsidrat ukoll il-kontenut tar-rapport tal-espert psikjatra u l-fatt li l-vittma hafer lill-imputat ghall-akkadut u ghalhekk ghalkemm sejra tigi mposta piena karcerarja din ser tkun aktar vicin il-minimum milli l-massimu imponibbli. In vista tal-fatt li l-

vittma hafer lill-imputat il-Qorti mhux sejra tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-20 ta’ Lulju 2010 b’mod partikolari l-Artikoli 17, 23, 31, 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 218(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 17, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mtilub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf, mija u wiehed u disghin Ewro u sitta u ghoxrin Ewro centezmu (€1191.26) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------